Awwissu 2017 — Ħarġa 301

# Ħolqa Bejnietna

*Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn*

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



*Il-Kelma tal-Kappillan*

## Kif għamlet hi...

Aħna l-bnedmin, bħala l-familja ta' Alla, maħluqin biex ngħixu ħajja ferħana. Għandna nħossuna ferħana li aħna strumenti ta' Alla biex jista' jwassal fid-dinja ħajja ġdida fid-dawl ta' Kristu Rxoxt. Hekk kienet Marija – mara ferħana. Ejjew bħal Marija nfaħħru lil Alla: "għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu" (Lq 1:48). Santa Marija tħeġġiġna ngħixu b'entużjażmu seren il-ħajja tagħna. Ma nħallu qatt il-biża', it-tħassib, il-kummenti tal-oħrajn jew il-problemi jitfu l-ferħ tagħna. Nitolbu lill-Mulej iħarsilna l-ferħ tagħna biex inkunu nistgħu nkomplu ngħadduh lil xulxin.

Marija għaddiet minn bosta nkwiet fil-mixja tagħha ta' omm hija u trabbi lil Binha. Hi ma qatgħetx qalbha quddiem l-inċertezzi tal-ħajja. Lanqas ipprotestat bil-qawwa jew ħaditha qattgħa bla ħabel kontra d-destin tal-ħajja li spiss deher ostili fil-konfront ta' Binha li wassal biex jiġi maqtul fuq is-salib.

Imma Marija kienet mara li tisma' l-kelma t'Alla,"Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej"; u tal-bżonnijiet tan-nies ta' madwarha bħal fit-tieġ ta' Kana. Hija kienet dejjem lesta li tilqa' l-ħajja kif tasal għandha, fil-jiem hienja tagħha imma anki fit-traġedji tagħha. Ejjew nitolbuha tkun magħna matul dan ix-xahar aħna u nilqgħu fil-komunità tagħna żewġ familji mill-*Comunità Abramo* flimkien mal-kopja awtentika tal-liżar ta' Kristu.



L-Iskop taż-żjara huwa biex permezz tagħhom inkomplu nagħrfu l-kobor tal-imħabba kbira ta' Ġesù għalina. Nemmen li dan se jkun żmien ta' grazzja għall-Parroċċa tagħna u quddiem ix-xbieha ta' Binha qed ibati nħallu lil Ommna tas-sema tgħallimna anki meta kollox jidher bla sens. Hi dejjem fiduċjuża fil-misteru ta' Alla. Marija, Omm it-tama, tgħid dejjem lil qalbna: "Qum! Ħares 'il quddiem, ħares lejn ix-xefaq." Issa nkunu aħna li nxandru din l-aħbar bil-ferħ ma' dawk kollha li niltaqgħu magħhom.

Kunu mberkin
Dun Roderick
Kappillan

# L-Akbar Imħabba

***Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna***



Il-Ġublew tal-Ħniena ntemm. Iżda l-ħniena ta' Alla ma tieqafx u lanqas tieqaf ix-xewqa tiegħu li aħna, fuq l-eżempju tiegħu, inħennu għal xulxin. Għalhekk l-istedina għall-ħniena tkompli tifforma parti mill-iktar importanti fl-evanġelizzazzjoni l-ġdida li bħala Knisja rridu ngħixu.

Il-wiri tal-kopja awtentika tas-*Sacra Sindone,* jew kif nafuh ilkoll il-Liżar ta' Kristu, fil-qies oriġinali tiegħu, għandu jkun għalina lkoll mezz ta' esperjenza spiritwali biex induru lejn Ġesù Kristu aħna u nikkontemplaw il-wiċċ batut u glorjuż tiegħu. Huwa l-għajn tal-imħabba li tqanqalna mill-għeruq tagħna biex nimxu fuq il-passi tiegħu. Huwa l-imħabba li tkellem lil qalbna biex tħajjarna nitilgħu l-għolja tal-kalvarju miegħu u nħarsu wiċċ'imb'wiċċ lejn is-salib.

Il-Liżar jgħallimna biex ma nwarrbux minn quddiem għajnejna u minn ġo qlubna d-dmugħ u t-tbatija tal-bnedmin kollha. Aħna u nħarsu lejn ix-xbieha tal-bniedem li għadda mit-tbatija u l-mewt biex qam mill-imwiet, inħossu l-faraġ, il-fejqan u l-fidwa li ġabilna. Ejjew bil-ferħ kollu nkunu xhieda ta' dawn quddiem in-nies ta' madwarna li f'xi ħin jew ieħor ta' ħajjithom, f'xi sitwazzjoni jew oħra, ilkoll isibu quddiemhom it-telgħa, kultant wieqfa ħafna tal-Kalvarju ta' ħajjithom.

Fl-istess ħin ix-xbieha hija xhieda tal-qawmien mill-imwiet u allura għelm ta' tama. Il-bniedem li x-xbieha tiegħu tinsab fuq il-liżar jidher biċ-ċar li għadda mit-tbatija u l-mewt iżda m'għadux hemm, ħalla warajh biss xbieha. "Tfittxuhx hawn. Hu qam tassew".

Għalhekk filwaqt li nrodd ħajr lil *Comunità Abramo* għal din l-inizjattiva tagħhom, nistedinkom biex kemm bħala Knisja u kemm bħala individwi, ma tiddejqux tħarsu lejn il-mera tat-tbatija, ma tiddejqux tħarsu lejn il-ġrieħi tagħkom infuskom u tal-proxxmu tagħna, biex inkunu aħna wkoll, bi kliemna u b'ħajjitna, għodda ta' faraġ, ta' fejqan u ta' fidwa.

Convert **VHS** to **DVD** for only **€5**

**Computer Services and Repairs**




Passport Photos & Printing Services

**Williams Studio: tel: 27808181 - 79891666**

**PRIVAT**

**Marsaskala**

**Pure Maths A/I Level**

**Maths / Physics O-Level**

**TEL : 21641633**

**Mob.: 79796770**

## *Come and experience “The Greatest Love.”*

***Abramo Community*** - www.shroudmalta.com - www.youhope.eu

The spirit of the Jubilee of Mercy, an extraordinary time of God given Grace, is still alive. As part of the dioceses celebration of the ‘Extraordinary Jubilee of Mercy’ the Abramo Community invites you to take time out of your busy day to contemplate the Shroud: a linen sheet containing the image of a dead man; whose death was the result of torture ending with crucifixion. Gazing at the shroud you can study its imprints and discover for yourself the direct and immediate reference it has to the cross.



Referred to as the “Mirror of the Gospel” by Saint Pope John Paul II the shroud is a silent witness to the dramatic reality of the Passion of Jesus. This is an opportunity not to be missed, an opportunity to contemplate the suffering and glorious face of Christ. Enter into a spiritual experience where you can come to the fount of love and be restored by a love that consoles, frees, heals and speaks to our hearts.

In August, the true copy of the Holy Shroud of Turin in its true-life dimensions will be displayed in Marsascala parish. The Abramo Community will be present in the village to celebrate, with different activities, God’s Love through the message of the Shroud .

Bishop Charles Scicluna writes that “The exposition of the Sacra Sindone is to be for each and every one of us a true spiritual experience as we turn to Christ in contemplating his suffering and glorious face”. These words have told what “The Greatest Love” mission would have been.

Every month the Shroud has been seen by thousands of faithful and as they were taking a minute to pray and contemplate the Holy Image it was clear seeing the charm of Christ’s Love touching personally their heart.

## Come and experience “The Greatest Love”.

L-AKBAR IMĦABBA

IL-LIŻAR TA' KRISTU 2016



# Mill-Ħajja tal-Parroċċa - Awwissu 2017

| | | |
|---|---|---|
| 31 ta' Lulju<br>sad-9 t'Awwissu | | Grupp ta' 13-il żagħżugħ u żagħżugħa mill-parroċċa tagħna jagħmlu esperjenza ta' volontarjat f'Summercamp mat-tfal ġewwa l-Albanija mal-grupp Passi & Beyond. |
| 2 | L-Erbgħa | Fit-8:30am quddiesa fil-Knisja Parrokkjali.<br>Nilqgħu fil-Parroċċa tagħna il-kopja awtentika tal-Liżar ta' Kristu.<br>Fis-7:00pm attività mill-*Communità Abramo* għall-Adolexxenti fil-Villa Apap Bologna. |
| 4 | Il-Ġimgħa | **L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.** Wara l-quddiesa tas-6:30pm jkollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.<br>Fit-8:30pm attività mill-*Communità Abramo* għall-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ fil-Villa Apap Bologna. |
| **6** | **Il-Ħadd** | **It-Trasfigurazzjoni tal-Mulej.**<br>Fid-9:15am Quddiesa ta' Ringrazzjament lil Alla tal-ġid li wettaq magħna fil-jiem tal-Festa u wara jsir id-dħul tal-Istatwa ta' Sant'Anna fin-Niċċa.<br>Fis-6:00pm Quddiesa animata mill-*Communità Abramo*. Wara l-quddiesa jintwera vidjo dwar il-kopja tal-liżar u ż-żjara tagħha f'Malta.<br>Fis-7:00pm jiġi espost Ġesù Ewkaristija u kulħadd mistieden jiġi jitlob fis-skiet quddiem Ġesù Ewkaristija. Min irid jista' jikteb talba qasira u jieħu sentenza mill-Evanġelju li tfakkru f'din l-ikbar imħabba. |
| 9 | L-Erbgħa | Fit-8:30am quddiesa fil-Knisja Parrokkjali animata mill-*Communità Abramo.* |
| 11 | Il-Ġimgħa | Fis-6:30pm Quddiesa fil-knisja mmexxija mil-Legion of Mary u wara pellegrinaġġ bir-Rużarju max-Xatt bix-xbieha ta' Marija. |
| 12 sa 26 ta' Lulju | | Grupp ta' 13-il żagħżugħa mill-parroċċa tagħna jagħmlu esperjenza ta' volontarjat ġewwa r-Rumanija mal-grupp Agara Foundation, fejn se jtellgħu laptops *2nd hand* għat-tagħlim tal-computer. |
| **13** | **Il-Ħadd** | **Id-19-il Ħadd ta' Matul is-Sena.**<br>Billi matul din is-sena qed infakkru l-100 Sena mid-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima, wara l-quddiesa tas-6:30am nitolbu flimkien it-talba tar-Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija.<br>Fl-10:15am Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija animata mill-*Communità Abramo.* |
| 14 | It-Tnejn | Billi jaħbat lejliet il-festa ta' Santa Marija, quddies ikun fis-6:30pm u fit-8:00pm. |
| **15** | **Awwissu** | **It-Tlugħ fis-Sema ta' Marija Verġni.**<br>Il-quddies fil-knisja jkun bħal ta' nhar ta' Ħadd, fis-6:30am, 8:00am, 9:15am, 11:30am u fis-6:00pm. |
| 16 | Awwissu | Fit-8:30am quddiesa fil-Knisja Parrokkjali. |
| 19 | Is-Sibt | Fit-8:00pm Quddiesa fuq is-Simenta bil-preżenza tal-kopja awtentika tal-Liżar ta' Kristu u wara Adorazzjoni animata mill-*Communità Abramo.* |
| **20** | **Il-Ħadd** | **L-20 Ħadd ta' Matul is-Sena.**<br>Fid-9:15am Quddiesa ta' Ringrazzjament lil Alla tal-komunità u tal-esperjenza mill-*Communità Abramo.* |
| 23 | L-Erbgħa | Fit-8:30am quddiesa fil-Knisja Parrokkjali. |